# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 5**

**Rikors numru 8/2019/1 SG**

**Jonathan Mizzi**

**v.**

**Denise Mizzi**

1. Din is-sentenza titratta appell tal-konvenuta minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja tat-12 ta' Marzu 2020 li biha ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-parti dispożittiva tas-sentenza taqra:

> *"Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi t-talba fuq imsemmija magħmula minn Jonathan Mizzi fid-29 ta' April 2019 billi (i) tordna l-waqfien tal-komunjoni tal- akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b' effett mill-jum li fih din is-sentenza ssir res judicata; (ii) tiddikjara li r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-kontendenti mil-lum il-quddiem huwa tas- separazzjoni*

*tal-beni u (iii) tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tiġi dikjarata res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bl-istess sentenza u dan a spejjeż ta' Jonathan Mizzi".*

2. Il-fatti li wasslu għal dik is-sentenza huma s-segwenti:

i. Il-partijiet iżżewġu fit-22 ta' Diċembru 2012 u għandhom żewġt itfal li twieldu fis-26 ta' Diċembru 2013 u 4 ta' April 2016 rispettivament.

ii. Illi b'digriet tal-11 ta' April 2019 l-ewwel Qorti awtorizzat lill-attur sabiex jippreżenta proċeduri ta' separazzjoni.

iii. Fis-26 ta' April 2019 l-attur ippreżenta l-kawża għall-firda personali. It-talbiet jinkludu talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

iv. Fid-29 ta' April 2019 l-attur ippreżenta rikors li bih talab lill-Qorti tal-ewwel grad sabiex tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġialadarba kien ippreżenta l-kawża għall-firda minn ma' martu. Permezz ta' tweġiba ippreżentata fit-8 ta' Mejju 2019, il-konvenuta opponiet it-talba minħabba li: (a) kienet għadha lanqas ġiet notifikata bil-kawża għas-separazzjoni; (b) it-talba tal-attur hi intiża biss sabiex il-konvenuta ma tipparteċipax fil-qligħ li jagħmel l-attur li hu ferm iktar mill-qligħ tagħha; (c) l-attur m'huwiex iħallas il-manteniment għat-tfal u lanqas jikkontribwixxi għall-ispejjeż

tad-dar minkejja li għadu jgħix fiha, jiekol mill-ikel li tipprepara l-konvenuta, jikkonsma d-dawl u ilma tad-dar u jsib il-ħwejjeġ indaf għaliex taħsilhom il-konvenuta;

v. Fit-3 ta' Ġunju 2019 il-konvenuta ppreżentat it-tweġiba ġuramentata għar-rikors ġuramentat tal-attur. Fl-istess għamlet kontrotalba li fiha tinkludi talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti (ħames talba).

vi. B'rikors preżentat fid-29 ta' April 2019 l-attur talab lill-qorti sabiex tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Art. 55 tal-Kodiċi Ċivili.

vii. Il-konvenuta wieġbet u opponiet it-talba.

viii. B'sentenza tat-12 ta' Marzu 2020 il-Qorti tal-ewwel grad laqgħet it-talba.

ix. B'rikors preżentat fit-22 ta' Ġunju 2020 il-konvenuta appellat mis-sentenza.

x. B'rikors preżentat fid-19 ta' Mejju 2020 l-attur talab lill-ewwel qorti sabiex ai termini tal-Art. 266 tal-Kodiċi Ċivili tordna l-eżekuzzjoni proviżorja tas-sentenza tat-12 ta' Marzu 2020.

xi. B'digriet mogħti fl-10 ta' Ġunju 2020 l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-attur.

3. Ir-raġunament tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata tat-12 ta' Marzu 2020, kien:

*"Illi dan hu rikors fejn qed jintalab li l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet tiġi terminata b' effett immedjat. It-talba saret minn Jonathan Mizzi u hija opposta minn Denise Mizzi. Il-Qorti għandha l-fakolta' ai termini ta' l-Artikolu 55(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta (fuq ċitat) sabiex f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata.*

*"L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan ai termini tal-Artikolu 55(4) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, din il- Qorti trid tara jekk, fil-każ li tintlaqa' din it-talba, hijiex ser toħloq preġudizzju lil Denise Mizzi.*

*.......*

*"Mill-provi prodotti, dan bl-ebda mod ma rriżulta. Il-Qorti tagħmilha ċara li f' każ li jiġu żvelati xi kontijiet bankarji moħbija, xi investimenti moħbija jew xi flejjes oħra moħbija, jekk dawn saru waqt li l-komunjoni kienet għadha fis-seħħ, dawk jibqgħu diviżibbli bejn il-partijiet. It-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti għandha effett biss mid-data li din tidħol fis-seħħ, u mhux qabel. Fl-eventwalita' li wara li tingħata din is-sentenza, jiġi skopert li kien hemm xi flejjes moħbija, jekk dawn ġew imwettqa waqt li l-komunjoni kienet għadha viġenti, allura jibqa' d-dritt ta' spartizzjoni fuqhom. Il-Qorti tosserva li fl-eventwalita' li jirriżultaw dawn il-flejjes moħbija fil-futur, Denise Mizzi b'daqshekk mhu ser issofri ebda preġudizzju, aktar u aktar preġudizzju mhux proporzjonat.*

*"Il-Qorti ssib ferm utli li tagħmel referenza għal dak deċiż fil-kawża fl-ismijiet* ***Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell*** *(Ċitaż. Nru. 139/12) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015 li kkonfermat is-sentenza mogħtija mill- Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), liema sentenza saret referenza għaliha mil-legali ta' Jonathan Mizzi fis-sottomissjonijiet magħmula. Din ir-referenza għal din il-kawża qed issir peress li f' dik il-kawża tressqu oġġezzjonijiet simili u/jew identiċi għal dawk imressqa minn Denise Mizzi. L-ewwel Qorti f' dik is-sentenza spjegat li l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju l-Qorti teżamina jekk l-oġġezzjoni jew l-oġġezzjonijiet imressqa humiex oġġettivament rilevanti għall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inċiż 4. F'każ li l-oġġezzjoni tissupera l-ewwel għarbiel jeħtieġ li l-Qorti tgħaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeċiedi jekk l-oġġezzjoni, oġġettivament rilevanti, hix sorretta mill- provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfaċentement illi fl-ewwel lok ser tbati preġudizzju u t-tieni lok, dejjem jekk jirriżulta preġudizzju, jekk tali preġudizzju hux proporzjonat jew le.*

*"F'dak l-istess każ, dik l-ewwel Qorti sostniet li l-oġġezzjonijiet mressqa mill-attriċi għat-talba tal-konvenut, ma kinux rilevanti għall-mertu tar-rikors in diżamina. In fatti, intqal li s-segwenti oġġezzjonijiet m'għandhom*

*l-ebda rilevanza għall-mertu in diżamina: (i) illi l-attriċi għad għandha provi oħra xi tressaq sabiex tipprova l-konsistenza tal-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti (oġġezzjoni mqajjma ukoll f' dan il-każ); (ii) illi ma ġiex akkordat lill-attriċi manteniment pendente lite; (iii) illi l- konvenut għandu salarju għoli (oġġezzjoni mqajjma ukoll f' dan il-każ); (iv) illi l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali kif għamlu t-tlett ulied tal-partijiet; (v) illi l- konvenut irid it-terminazzjoni biex ikun jista' jgħatti l-interessi finanzjarji illi għandu u jiżvija totalment meta tiġi likwidata l-Komunjoni tal-Akkwisti, u r-Rikorrenti Attrici tispiċċa b'xejn għax kollox jogħsfor kif diġa għosfru ħafna affarijiet." (oġġezzjoni simili għal dik mressqa f' dan il-każ); (vi) illi l-konvenut qed jitlob it-terminazzjoni tal- komunjoni tal-akkwisti biex joħnoq lill-mara tiegħu ħalli hi ma tkunx taf il-fatti u s- sehem indiviż tagħha biex tiġi likwidata l-Komunjoni tal-Akkwisti (oġġezzjoni simili għal dik mressqa f' dan il-każ); (vii) illi l-konvenut ta diversi verżjonijiet għala jrid jittermina l-komunjoni tal-akkwisti; (viii) illi hemm differenza kbira bejn il-quantum tad-dħul mensili tal-konvenut u l-quantum tad-dħul mensili tal-attriċi (oġġezzjoni oħra mqajjma ukoll f' dan il-każ odjern); u (ix) illi l-attriċi għandha dritt tkun taf il- konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti qabel ma l-Qorti tordna l-waqfien tagħha mingħajr ma tiġi likwidata (oġġezzjoni simili għal dik mressqa f' dan il-każ).*

*"L-ewwel Qorti, f' dik il-kawża, osservat ukoll li l-ilment tal-attriċi illi d-dħul mensili tal-konvenut huwa superjuri għad-dħul mensili tagħha ma hix konsiderazzjoni fid-deċiżjoni jekk it-terminazzjoni hix ser tirreka preġudizzju lill-attriċi. Intqal li jekk is-sottomissjoni tal-attriċi f'dan ir-rigward għandha tinftiehem illi sakemm ma tiġix terminata l-komunjoni tal-akkwisti allura hija qed tippartecipa mid-dħul mensili tal-konvenut billi irresidwu mis-salarju jifforma parti mill-komunjoni, il-Qorti hi tal-fehma illi tali raġunament ma jikkwalifikax bħala preġudizzju mhux proporzjonat u dan għaliex fil-kawża odjerna intavolata mill-istess attriċi waħda mit-talbiet tagħha hija proprju it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*"Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat dak deċiż mill-ewwel Qorti u osservat li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda preġudizzju għas-sehem tal-attriċi mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, għax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi għal futur u mhux għal dawk l-assi li diga` daħlu u qegħdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attriċi.*

*"Il-Qorti tqis li dak li ngħadd f'din is-sentenza japplika bl-istess mod għal fattispecie ta' dan il-każ fejn tqajjmu l-istess oġġezzjonijiet minn Denise Mizzi.*

*"Dwar l-oġġezzjoni li l-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti għadha ma ġietx stabbilita' fl-intier tagħha, intqal mill-ewwel Qorti (liema sentenza ġiet kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Marzu 2014) fil-kawża fuq riferita fl-ismijiet* **Daniela Mizzi kontra Duncan Peter Mizzi** *illi:*

*"L-oggezzjoni principali tal-konvenut ghar-rikors tal-attrici hi fis-sens li l-konsistenza tal- komunjoni tal-akkwisti ghada ma gietx stabbilita' fl-intier*

*taghha u li jekk tali ezercizzju ma jsirx qabel tinghata s-sentenza in parte huwa jbati pregudizzju serju in kwantu jkun hemm ir-riskju li l-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti jigu konfuzi mal-proprjeta` parafernali tal-attrici.*

*"Fil-fehma tal-Qorti dan l-ilment ma hux gustifikat in kwantu l-konvenut kellu ghad-disposizzjoni rimedji kawtelatorji sabiex jilqa' ghall-preokkupazzjoni tieghu."*

*"Il-Qorti tagħmilha ċara mill-ġdid li kull parti tista' ttellgħa l-provi li hemm bżonn li ttellgħa rigward l-assi, parafernali u appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti. Fuq dawn l-assi, il-Qorti tagħti sentenza fl-aħħar tal-kawża meta tiġi biex ixxolji l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu nġabru l-provi kollha.*

*"Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet f'dal-istadju tal-kawża ma hu ser jirreka l-ebda preġudizzju mhux proporzjonat lill-istess partijiet, u għaldaqstant il-Qorti qed tikkonsidra t-talba ġustifikata".*

4. Fir-rikors tal-appell il-konvenuta (appellanti) tat ir-raġunijiet għalfejn bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju tal-kawża għas-separazzjoni, ser issofri preġudizzju sporporzjonat. F'dan ir-rigward semmiet li:

i. Is-salarju li għandha l-konvenuta hu miżeru meta paragunat ma' dak tal-attur;

ii. Hemm dħul minn kirja ta' fond parafernali tal-attur li saret fiż-żwieġ. Kirja li skont il-konvenuta hi tal-komunjoni tal-akkwisti;

iii. Hemm *house loan* mal-Bank of Valletta plc li minnu qiegħda tħallas is-somma ta' €300 kull xahar. Self li ngħata lill-partijiet għaliex il-bank qies il-paga sostanzjali li għandu l-attur u żgur mhux il-paga li għandha l-konvenuta. Dak li l-

partijiet setgħu jixtru flimkien b'self mill-bank ma jfissirx li issa jistgħu jkomplu jħallsuh separatament u individwalment billi jinqasam id-dejn u dan peress li l-posizzjoni ekonomika tal-konvenuta hi ferm differenti minn dik tal-attur;

iv. Hi ssagrifikat il-karriera tagħha għall-familja u t-trobbija tat-tfal u l-paga tagħha hi miżera;

v. Jekk il-komunjoni tal-akkwisti tiġi tterminata hu ovvju li s-salarju miżeru li għandha m'huwiex biżżejjed sabiex tħallas nofs id-djun u lanqas sabiex tħallas għall-ispejjeż ta' kuljum;

vi. L-attur iddikjara li irid jieħu self mill-bank sabiex bil-flus jibni fond fejn jista' jmur igħix. Il-konvenuta tilmenta li self ieħor mill-bank ser ifisser li l-attur jagħti garanzija personali permezz ta' ipoteka ġenerali, li biha ser tintlaqat ukoll il-fond matrimonjali.

5. Din il-Qorti tibda billi tosserva li l-ilmenti li semmiet il-konvenuta fir-rikors tal-appell ma jissemmewx fit-tweġiba li ppreżentat fit-8 ta' Mejju 2019 b'opposizzjoni għat-talba tal-attur għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

6. Madankollu u f'kull każ, il-Qorti ser tikkunsidrahom. Tibda biex tosserva li ma taqbel xejn mal-konvenuta li s-salarju tagħha hu miżeru. Hu fatt li l-qligħ tal-attur hu iktar minn tal-konvenuta. Madankollu jirriżulta li l-qligħ gross tagħha għas-snin 2017 kien €31,081; 2018 kien €25,603;

u 2019 kien €27,752. Jidher li matul is-sena 2020 il-konvenuta għamlet perjodu taħdem biss *part time* minħabba l-pandemija tal-COVID, pero` fl-atti m'hemmx tagħrif dwar is-sitwazzjoni attwali tagħha. Pero` f'digriet tat-30 ta' Lulju 2020 l-ewwel Qorti osservat li wara t-2 ta' Settembru 2019 il-konvenuta bidlet l-impieg *".... iżda taqla' bejn wieħed u ieħor kemm kienet taqla' preċedentement fiż-żmien meta ngħata d-digriet preċedenti dwar manteniment tal-minuri"*.

7. Sal-5 ta' Ġunju 2020 id-debitu fuq il-kont *house loan* mal-Bank of Valletta plc kien ta' €124,546.74. Meta kien għad mhemmx l-inkwiet bejn il-konjuġi Mizzi pagamenti fuq dak is-self kienu ta' €602.86 kull xahar (ara rendikont ta' self). Nofs dak l-ammont hu €301.43. Bis-salarju li għandha l-konvenuta m'għandu jkollha l-ebda diffikulta` biex tħallas dak l-ammont kull xahar, kif fil-fatt qalet li diġa` qiegħda tagħmel. Dan apparti li jirriżulta wkoll li b'digriet tat-30 ta' Lulju 2020 l-ewwel Qorti ordnat lill-attur sabiex b'seħħ minn Awwissu 2020 jibda jħallas manteniment ta' €550 fix-xahar għat-tfal u wkoll *".... nofs l-ispejjeż tas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra kurrikulari"*. B'dak id-digriet ġie żgurat li l-attur ikompli jagħti l-kontribuzzjoni tiegħu għat-trobbija taż-żewġ itfal u tnaqqas il-piż finanzjarju minn fuq il-konvenuta.

8. Inoltre b'digriet tat-18 ta' Diċembru 2019 l-ewwel Qorti diġa` ordnat li *pendente lite* d-dejn li għandhom mal-Bank of Valletta plc u li ħadu

sabiex xtraw appartament fl-Għarb, Għawdex li jintuża bħala d-dar matrimonjali, għandu jitħallas mill-partijiet f'sehem ugwali.

9. Jirriżulta wkoll li l-konjuġi Mizzi għandhom *consumer loan* mal-istess bank u sal-aħħar ta' Diċembru l-bilanċ dovut kien ta' €13,447.80 (ara rendikont ta' self). Ammont li m'huwiex daqstant kbir. F'dak il-kont kull xahar isir ħlas ta' €92.95.

10. Hu fatt li bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ser jieqaf il-qligħ mill-kirja tal-fond parafernali li l-attur għandu fis-Swatar u li kien xtara qabel iż-żwieġ. Mill-atti jidher li l-qligħ kien ta' €900 fix-xahar, filwaqt li f'digriet mogħti fit-30 ta' Lulju 2020 l-ewwel Qorti aċċettat li l-qligħ mill-kirja naqas għal €450 fix-xahar (ara Dok. DM2). Il-kera biss waħedha li tidħol kull xahar fil-komunjoni tal-akkwisti, irrispettivament x'qiegħed jagħmel biha l-attur, m'hijiex biżżejjed sabiex il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta ser issofri preġudizzju sproporzjonat jekk il-komunjoni tal-akkwisti tiġi tterminata f'dan l-istadju tal-proċeduri. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li ż-żewġ partijiet iridu l-firda minn xulxin u l-konvenuta stess fil-kontrotalba talbet lill-Qorti sabiex tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-fatt li l-kawża tas-separazzjoni tieħu ċertu żmien sabiex tinqata' u legalment il-kera hi parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ma kellux iwassal sabiex l-ewwel Qorti tiċħad it-talba tal-attur għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju tal-proċeduri. Talba li ser tintlaqa' f'kull każ mal-pronunzjament tas-separazzjoni.

11. L-appartament li nxtara mill-partijiet fl-2016 ġie ffinanzjat permezz ta' self. Il-konvenuta ssostni li l-bank qatt ma kien jagħtihom is-self li kieku ma kienx hemm is-salarju tal-attur. Pero` fis-sena 2016 ma jirriżultax li l-attur kellu xi qligħ ferm iktar minn dak tal-konvenuta (ara stqarrijiet tat-taxxa tas-snin 2014, 2015 u 2016 mehmuża ma' nota li ppreżenta l-attur). Il-qabża konsiderevoli fil-qligħ tal-attur saret kemm ilu li ngħata l-kariga ta' Chief Information Officer fil-Ministeru għal Għawdex, ċioe` minn Diċembru 2019.

12. Il-konvenuta argumentat ukoll li ssagrifikat il-karriera tagħha sabiex trabbi t-tfal filwaqt li l-attur kompla javvanza fil-karriera tiegħu. Argument li mhux ser jagħmel differenza fir-rigward ta' jekk il-komunjoni tal-akkwisti tiġix terminata llum jew meta tingħata s-sentenza. Il-fatt jibqa' li kull parti fil-kawża talbet għall-firda u terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

13. Fir-rikors li l-attur ippreżenta fid-19 ta' Mejju 2020 *ai termini* tal-Artikolu 266 tal-Kap.12 sabiex l-ewwel Qorti tiddikjara proviżorjament eżegwibbli s-sentenza tat-12 ta' Marzu 2020, spjega li talab għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti għaliex martu għamlet rapport falz dwaru u spiċċa barra mill-fond matrimonjali, u għandu bżonn jieħu self sabiex ikollu immobbli proprjeta` li jkun jista' jmur igħix fiha. Ma tax tagħrif dwar is-somma flus li jrid jissellef għalkemm waqt it-trattazzjoni, fuq domanda tal-Qorti, id-difensur semma' s-somma ta' €80,000. Dan hu

żvilupp li jidher li seħħ wara s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-12 ta' Marzu 2020 li biha laqgħet it-talba tal-attur għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. F'nota preżentata fit-28 ta' Mejju 2020 l-attur iddikjara li l-ġenituri tiegħu tawh porzjon art b'donazzjoni sabiex *"fuqha jkun jista' jibni appartament fejn ikun jista' jirrisjedi hu u wliedu"*. Fl-istess att iddikjara li vverifika ma' bank u ġie infurmat li d-dejn ikun garantit b'ipoteka speċjali biss fuq l-art li rċieva b'donazzjoni. Provi dwar dak li ddikjara m'hemmx u normalment meta bank jagħti self jinsisti li tingħata ipoteka ġenerali.

14. Jekk wara t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti l-attur jieħu s-self mingħand bank, is-sitwazzjoni mhijiex ser tkun differenti minn dak li jikkontempla l-Artikolu 1329(1) tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward ta' self li jkun ħa waħdu fiż-żmien li jkun hemm il-komunjoni tal-akkwisti. Disposizzjoni li tipprovdi:

> *"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-kredituri ta' parti fiż-żwieġ għal djun li ma tbatihomx il-komunjoni tal-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iż-żwieġ jew wara, jistgħu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistgħu jissodisfaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali ta' dik il-parti, <u>jinforzaw it-talba tagħhom in subsidium kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti iżda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti</u>".*

15. Għalkemm tkun terminata l-komunjoni tal-akkwisti l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn l-Art. 1331 tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax ukoll, fis-sens li kull waħda mill-partijiet għandha *".... tagħti lura lill-komunjoni tal-akkwisti kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oġġett li parti tista' tkun ħadet mill-akkwisti biex tħallas djun li ma jaqgħux taħt id-disposizzjonijiet*

*tal-Art. 1327, kemm-il darba ma turix li l-att kien wieħed vantaġġuż għall-komunjoni jew ikun sar biex jinqdew il-ħtiġijiet tal-familja".* L-Artikolu 1331 tal-Kodiċi Ċivili hu fih innifsu forma ta' garanzija għal dik il-parti li ma tkunx għamlet id-dejn fir-rigward tal-ġid kollu li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Garanzija li m'hijiex ser tispiċċa minħabba l-fatt li l-komunjoni tal-akkwisti ġiet terminata.

16. Fiċ-ċirkostanzi l-appellanti m'għamlitx argumenti konvinċenti li fl-eventwalita` li l-komunjoni tal-akkwisti tiġi tterminata f'dan l-istadju tal-proċeduri sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-appellanti, b'dan li d-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tkun b'effett mil-lum skont l-Art. 55(3) tal-Kodiċi Ċivili. Spejjeż a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Registratur
gr